MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Numru. 1176/2008

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Anthony Dalli, iben Anthony, imwieled Pieta' fis-17 ta' Novembru, 1982, Karta ta' l-Identita numru 631282(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-1 ta' Novembru, 2008, ġewwa l-Belt, Valletta u f'postijiet oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:
a. iffalisifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, għamel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid; jew

b. għamel użu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabelli jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ merkanzija, b’din iil-marka, sinjal jew emblema; jew
c. xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għal ħsieb ta’ kummerċ, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema mxebbħin b’qerq;
u cioe’ diversi DVDs b’films.
2. talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanżi, għal qliegħ, jew bi skop ta’ kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċja jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikoli jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta’ Malta jew taħtha.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta’ ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni skont il-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-kwerela tal-parte ċivile tal-1 ta’ Novembru, 2008.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ April, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 298(1)(a)(ċ)(f) u 298B tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.  Minbarra

dan, tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ €500 u tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-oġġetti eżebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------